MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 514/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Marisa Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€542.46), mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm232.88), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Comnmunications Limited skond Client Contract Number 1017848 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Settembru, 2007 u Dicembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€542.46), mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm232.88) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------